# IL-MAHFRA

Xtaqt li kieku jkollna sigra tal-Milied ghall-festi, izda ma stajtniex nixtru wahda. Hsibt li kieku jkollna wahda l-atmosfera fid-dar timbidel xi ftit.  Dak iz-zmien kelli xi tnax-il sena.




Meta rajt li l-insistenza tieghi kienet kollha ghalxejn iddecidejt li niehu l-problema f'idejja.

Kont immur inqassam il-kotba tal-publicita' biex naqla xi haga zghira u jkolli x'nonfoq. Meta ftaht il-kexxun rajt li kont gbart tmin dollari minn dan ix-xoghol barrani.

Izertajt ghaddej minn hdejn hanut li kien ibiegh is-sigar tal-Milied.  Ma tantx kien fadallu ghall-bejgh billi kien ghad jonqops biss tlett ijiem u minn kellu jixtri mhux biss xtara izda armaha wkoll. Harist sewa u rajt wahda li kienet ghall-buti. Tal-hantu ried itihieli ghal 10 dollari izda jiena ghidtlu li kelli biss tmienja. Minghajr ma qaghad jahsibha  ceda

ghall-prezz li tajtu. Garrejtha d-dar u kont nahseb li ser naqla' xi radd il-hajr, izda minflok infethu bwieb l-infern. Ma kienitx sigra tal-Milied li xtrajt.

"Minn fejn gibt dik is-sigra?," staqsietni ommi b'ton li ma kienx jindika zgur gost.

"Xtrajtha," wegibtha.

"U tista' tghidli minn fejn gibtil-flus?", qaltli b'ton ta' akkuza.

"Mix-xoghol barrani li naghmel."

"U infaqt tmin dollari fuq dik is-sigar li ghada tmut." U kompliet tghajjarni kemm kont iblah u bla ghaqal u li nixbah lil missieri. "Ghada pitghada meta tikber ghad titghallem ma tonfoqx flusek fil-vojt."

Ommi qatt ma kienet kellmitni hekk.  Iddispjacini u kbejt.

"Halli s-sigra hemm barra sakemm tmut, halli ilkoll taraw kemm hawn nies bla ras jonfqu l-flus fuq hwejjeg bla sens."

U telghet imbaqbqa f'kamritha sabiex torqod. Ghalkemm jiena u missieri armajna s-sigra, dawk il-festi ma kienux festi bhal tas-soltu.

Ghadda z-zmien u izzewwigt. Ommi kienet qed tghix maghna ghall-festi tal-Milied u fakkritni fil-grajja ta' meta kelli tnax-il sena.

Kien filghaxija u billi ommi ma setghitx torqod nizlet taghmel kikkra te.

F'idejja kelli l-Bibbja u talbitni nghidilha x'kont qed naqra. Ghidtilha kemm kont kuntent li qed tghaddi l-Milied maghna u kemm kelli xewqa kbira li missieri ikun maghna wkoll. Izda l-mewt hasditlu hajtu ftit tas-snin qabel. Kemm kien ikun kuntent li kieku kien prezenti fost it-tlett neputijiet tieghu.

"Tiftakar meta' kellek tnax-il sena ilu u kif gibt ruhi mieghek?"

Waqfet ghal ftit ghax ghoqla telghet ghal grizmejha, imbaghad infaqet tikbi.

"Ahfirli, ibni," qalti ommi fost tant ilfieq. " Dak il-Milied u z-zmien ta' wara kien toqol f'qalbi. Kemm xtaqt li missierek kien ghadu haj fostna llum biex nghidlu kemm jisdispjacini ghal dak li ghidt dak in-nhar. Missierek kien ragel twajjeb u ghadni stallet f'qalbi li hu miet minghajr ma sema' nghidlu kemm jiddispjacini ghal dak li ghidt dik il-lejla. Kun af ibni li missierek qatt ma kellu sens ghall-flus."

"Konna niggieldu hafna, ghalkemm mhux quddiemek, konna b'xahrejn lura fil-hlasijiet fuq id-dar. Anqas kellna flus bizzejjed biex nieklu u ried imur lura lejn Arkansas u s-sigar kienet l-ahhar daqqa. Wehilt ma' rasi inti u ghidtli hwejjeg li zgur weggghuk; u issa nitolbok tahfirli.

Jiena hfirtilha minghajr xkiel ta' xejn. Ommi hfiefet minn problema li kienet qed ittaqqalha ghal bosta snin.

Ir-rigal ta' dan l-istagun ma humiex dawk li wiehed ipoggi taht is-sigra, imma ohrajn li huma superjuri ghalihom u li ma jinxtrawx bil-flus tar-ram jew karti izda li nistghu nqassmuhom bis-sahha tal-grazzja ta' Alla – paci u mahfra. Mhux ta' bxejn dawn il-granet ihalluna vojta ghaliex meta jghaddu dawn il-granet ma' wiccna jibqghu biss l-platti mahmuga u l-kontijiet tal-festini.

Dawn ir-rigali waslu ghandna bis-sahha tat-tarbija ta' Betlehem. Ma jkunux imnizzla fuq il-lista tax-xiri tar-rigali taghna. Jigu bil-mod, u mighajr ma tistennihom u jekk ma tkunx attent titlifhom.